MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Numru. 637/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Rosina Agius**

**Kumpilazzjoni Nru: 637/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija **Rosina Agius** ta’ 57 sena, bint Joseph u Maria nee’ Mangion, imwielda gewwa l- Pieta’ nhar it - 22 ta’ April 1957, residenti gewwa Coventry, Block B, Flat 3, Triq Dr. Guze’ Miceli, Gzira and holder of identity card number 307757M

Akkuzata talli nhar is- 7 ta’ Lulju 2014, f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnhom anka jekk fi zminijiett differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda;

1. Nhar is-07 ta’ Lulju 2014, f’ xi hin bejn 11:00hrs u 15:00hrs, gewwa BHS, gewwa tas- Sliema, ikkommettiet serq ta’ hwejjeg ta’ ammont li jeccedi l-valur ta’ €232.94 izda inqas minn € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta’ Krista Pace detentrici tal- karta tal- identita’ bin-numru 101580(M) u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-artikolu 261(c) u 267 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Nhar is-07 ta’ Lulju 2014, f’ xi hin bejn 11:00hrs u 15:00hrs, gewwa Zara, gewwa tas- Sliema, Ikkommettiet serq semplici ta’ hwejjeg ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ € 232.94 izda huwa ta’ aktar minn € 23.29 ghad-detriment Malcom Ian Attard detentur tal- karta tal- identita bin- numru 394873(M) u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-artikolu 285 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta**;**

3. Nhar is-07 ta’ Lulju 2014, f’ xi hin bejn 11:00hrs u 15:00hrs, gewwa Coccinelle, gewwa tas- Sliema, ikkommettiet serq semplici ta’ hwejjeg ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ € 232.94 izda huwa ta’ aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta’ Eva Kallas detentrici tal- karta tal- identita’ bin-numru 82276A u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-artikolu 285 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Nhar is-07 ta’ Lulju 2014, f’ xi hin bejn 11:00hrs u 15:00hrs, gewwa Morgan, gewwa tas- Sliema ikkommettiet serq semplici ta’ hwejjeg liema ammont ma jeccedix il-valur ta’ € 232.94 izda huwa ta’ aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta’ Cyana Seychell detentrici tal-karta ta’ l-idenitta bin-numru 127990(M) u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta’ l-artikolu 285 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Nhar is-07 ta’ Lulju 2014, f’ xi hin bejn 11:00hrs u 15:00hrs, gewwa Sandro Ferrone, gewwa tas- Sliema, ikkommettiet serq semplici ta’ hwejjeg ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ € 232.94 izda huwa ta’ aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta’ Caroline Pace detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 120083(M) u dan bi ksur ta’ l-artikolu 285 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Nhar is-07 ta’ Lulju 2014, f’ xi hin bejn 11:00hrs u 15:00hrs, gewwa Bershka, gewwa tas- Sliema, ikkommettiet serq semplici ta’ hwejjeg ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ € 232.94 izda huwa ta’ aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta’ ace detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 120083(M) u dan bi ksur ta’ l-artikolu 285 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. u aktar talli fl-istess zmien laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistata b’reat, u / jew xjentement b’kull mod indahhlet sabiex tbieghhom jew tmexxijhom u dan bi ksur ta’ l-artikolu 334(a) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-artikoli 18, 261(c), 267, 285 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghas-sebgha wahda u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat li l-ufficjal prosekutur iddikjara li s-sebgha imputazzjoni dwar ricettazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra dwar serq.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghas-sebgha wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement puvati.

Illi s-sebgha imputazzjoni hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra li gew ammessi; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din is-sebgha imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha kif ukoll l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li l-oggetti misruqa gew ritornati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sebgha imputazzjoni dwar ricettazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 261(c), 267 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (1).

Il-Qorti spjegat lill-imputata l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikommetti reat iehor fi zmien sena sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------